# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 252 :: MEJJU, 2017



**Editur: Paul Vella**

paul.vella44@gmail.com


## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## L-istejjer ta' Fra Mudest jagħlqu 50 sena – 10-04-1967 – 10-04-2017




**Kien fil-ħarġa tal-magażin tat-tfal Children's Own numru 292 (10 t'April,1967), li dehret l-ewwel storja dwar Fra Mudest miktuba minn Charles Casha, illum magħruf sew għall-kotba tiegħu mmirati għal kull età. Din l-istorja kienet suċċess tant kbir li l-edituri tal-magażin kellhom jistampaw aktar kopji biex jilħqu mad-domanda li bdiet dieħla wara li tqassam il-magażin fl-iskejjel.**

Casha ħoloq dan il-karattru wara talba mill-editur taċ-Children's Own, John Demanuele wara li dan kien sab logo bil-kelmiet *Fra Mudest*, fuq l-iskrivanija ta' missieru, Joseph Demanuele. L-istejjer illum ilaħħqu l-mija u għaxra miġbura f'sitt kotba. L-ewwel ktieb kien ukoll l-ewwel pubblikazzjoni tal-Merlin Library. **Fra Mudest** (1971); **Aktar Praspar ta' Fra Mudest** (1974); **Mill-Ħorġa ta' Fra Mudest** (1995); **Mid-Dinja ta' Fra Mudest** (1995); **40 Sena Fra Mudest** (2007); **50 Sena Fra Mudest** (2017)

Żgur li Fra Mudest se jibqa' parti mill-folklor letterarju modern l-aktar fejn tidħol il-letteratura għat-tfal. Fra Mudest mexa minn ġenerazzjoni għal oħra għalkemm l-ambjent li fih huma mibnija dawn l-istejjer inbidel u għat-tfal tal-lum huwa xi ħaġa li jistgħu jarawha biss fl-immaġinazzjoni tagħhom. Illum, *Fra Mudest* għadu jġib memorji sbieħ tat-tfulija lill-eluf ta' qarrejja li llum m'għadhomx tfal imma kibru, iżżewġu u għandhom uliedhom.

F'kumment tiegħu dwar dawn l-istejjer, Dr Ġorġ Mallia jgħid hekk:

*"Nemmen ukoll li ma' Fra Mudest qed nikkommemoraw it-twelid tal-letteratura moderna għat-tfal Maltin għax il-ħolqien tal-wieħed hu mżewweġ mal-bidu tal-oħra."*

*Kumment ieħor kien mingħand il-Professur Manwel Mifsud li kiteb hekk:*

*"Tul 40 sena li fihom id-dinja nbidlet bis-sħiħ, kull awtorità daħlet fi kriżi, u l-fehmiet u l-gosti tal-Maltin inqalbu ta' taħt fuq, Fra Mudest bil-karattru ferrieħi, b'dik id-daħka simpatika tiegħu, baqa' jmiss qlub il-qarrejja, baqa' jilħaq dik ir-rokna f'qalbhom li minkejja kollox tixtieq is-sempliċità, il-ġenwinità. Baqa' xhieda ta' kontinwità u punt ta' riferiment iktar importanti milli naħsbu."*

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **f'Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh St, Reservoir, Victoria, 3073** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lili: **paul.vella44@gmail.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.

**XOGĦLIJIET MA JIĠUX AĊĊETTATI WARA L-AĦĦAR TA' ĠUNJU.**

***AĦSBU MINN ISSA!***

# Department of Maltese presents Rector with a copy of *Damma tal-Kliem Kartaġiniż*

The publication of the dictionary *Damma tal-Kliem Kartaġiniż* by Agius de Soldanis is a great acquisition for Maltese heritage. For the last 250 years, the *Damma* has been kept in the manuscript section of the National Library. It has been awaiting publication since 1767. The unique information it contains, which is of interest to linguists, historians, and ethnographers alike, is now accessible thanks to the transcription by Rosabelle Carabott and Joanne Trevisan, two Maltese language students. Carabott carried out most of the work in this project, including the revision and editing of the thousand- page publication.

The *Damma* was published with the collaboration of RIDT, BPC International, Heritage Malta, Ministry for Gozo, the National Library, Akkademja tal-Malti, National Council for the Maltese Language and the Department of Maltese at the University of Malta.

Rosabelle Carabott presented a copy of the *Damma* to Professor Alfred J. Vella, Rector of the University of Malta.

In a short address, Dr Olvin Vella expressed his gratitude, in the name of the Department of Maltese, to all who collaborated in this project and believed in its great worth. 'It is of great satisfaction for the Department of Maltese to honour, through this publication, Agius de Soldanis, who throughout his life published profusely works about the Maltese language and helped create awareness amongst his contemporaries.'

Rector thanked all who were involved in the completion of this work. 'We have managed to publish the dictionary of De Soldanis. A thousand pages written 250 years ago, which are sometimes difficult to read and to follow. These pages contain archaic Maltese, documented by Agius de Soldanis before it was too late,' Professor Vella said.

The University of Malta is committed to the promotion of the study of Maltese. At present, apart from the traditional Bachelor course, it is offering a Certificate in Maltese Proofreading and also a Diploma in Maltese Literature.

# "Meet a migrant Author"



*Historical Fiction is the flavouring of history with the fragrant spices of fiction.*

*Author of "Gideon's Passage"* – ISBN 978-1-944732-17-2

Available on all electronic platforms for less than the price of a cup of coffee!

https://itunes.apple.com/us/book/gideons-passage/id1170177589?mt=11

https://www.amazon.com.au/Gideons-Passage-Ben-Laffra-ebook/dp/B01MEDFUPG

I write under the nom de guerre of Ben Laffra for historical reasons. My preferred genre is Historical Action Fiction because it injects that vital ingredient of realism into the narrative.

Anyway, I was born in India during the twilight of the 'British Raj' and lived through the exciting, and sometimes dangerous immediate afterglow as India dragged itself out of three hundred and fifty years of British rule.

While travelling in Europe on a business trip, I had a "Damascus Moment". Suddenly, the egalitarian spirit of the Western World seemed far more important than a successful senior executive career in India. I decided on a sea change. I migrated to Australia in 1974 with my wife, to start life afresh, with a meagre $15.00 in my pocket [that's all the foreign exchange the Govt. of India permitted] and a rather soggy £20.00 of Her Majesty's paper note smuggled out in my shoe!

Kick-starting a working career, a second time and now in a strange country, was a challenge.

I guess, like most new migrants, I came with the dream to work hard, to succeed, be a good citizen, and contribute to the nation that accepted me, to embrace the Australian ethos and be contented. I believe I achieved my goals.

Most of my working life in India and Australia was spent in the Agricultural/Horticultural industry; working with salt-of-the-earth farmers.

It's only since I retired that I have selfishly indulged my long held passion for writing, and after a decade of battling around 150 rather disinterested Lit Agents and Publishers [in Australia and overseas], my first book "Gideon's Passage", was accepted by Optimus Maximus Publishing Company LLC., NJ., USA.

However, despite my extraordinary tally of 150 rejections, I didn't quite reach the incredible record of Pulitzer Prize winner Alex Haley. His historical fiction novel became a publishing sensation [and a movie series] that literally changed the conscience of a NATION! Alex Haley's book "Roots" was rejected by no less than 200 publishers!

It is my fond hope that your Association Members will be drawn to embracing a migrant author.

Thank you for the courtesy of your time, – Ben Laffra (Author's email: pclaff09@gmail.com.au)


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**




## ĦOSS L-AVE MARIJA

*(Lil Ommi)*

Il-kant u l-melodija
tal-Ave Marija,
inisslu ġewwa qalbi nostalġija
għal mara kollha tjieba u sbuħija
li kienet tħobbok ħafna, O Marija.
Qalbha kienet tiegħek, Madonna,
tħobb u tħenn għal kulħadd,
u kull min kien jiġi jitlobha l-għajnuna,
fejn setgħet,
ma ċaħdet lil ħadd.
Kellha ħafna bambini
kollha frott tal-ġuf tagħha
miżmuma fiċ-ċirku ta' qalbha,
imma l-aktar lejn Ibnek, Marija,
kien jitla' tifħir talbha.
Għax fiH kienet tafda qatigħ,
u Hu, bi tpattija,
minn dak li kienet titolbu,
kien itiha bil-mija fil-mija.
Kienet tħobbok, Marija,
u kull filgħaxija,
quddiem xbiha tiegħek,
kienet tiftaħ u trodd qalbha miegħek.
Il-kant u l-melodija
tal-Ave Marija,
inisslu ġewwa qalbi nostalġija,
għal mara li ġufha
kien l-għamara tiegħi
minn qabel twelidi.
Għax hi kienet tixbhek, Marija,
fil-kejn u fil-ħniena,
għax hi kienet bħalek, Marija,
il-qawwa tal-jiena.

***Charles Mifsud***

*Qatigħ = ħafna*
*Kejn = umiltà*

## L-OMM

Minn fost il-ħlejjaq kollha
Int tibqa' l-waħdiena
Li b'imħabbtek tixgħel qlub
Bħal kewkba fiddiena.
Ta' wliedek tinsa
Kull għelt u fik il-kenn
Issibu fil-waqt tat-twegħir
Għax int taħfer u dlonk tħenn.
Lilhom biss tħaddan fi ħdanek
Tħarishom sew taħt dellek
Tarahom jikbru u jisseddqu
Fl-isbaħ fjur li seta' kellek.
'Żda bħall-omm fuq il-Golgota
Tħoss il-weġgħa tad-duluri
U fis-skiet tostorha f'qalbek
Mingħajr ma turi.
Imm'int għandek tkun kburija
Li l-Ħallieq seddqek fiż-żmien,
Li minn ġufek tnissel ħajja
Fl-isbaħ opra tal-ħolqien.

***Salv Sammut*** (April 14, 2016)

## LIL OMMI

Fejn hija l-leħħa li kont naf f'għajnejk?
Kif f'daqqa ntfew u ma jarawx ħlief ċpar!
Tixtieq li tara 'l min iħares lejk,
Tixtieq illi ma jkunx bħal-lejl in-nhar!

Niftakrek dejjem tħabrek ġewwa d-dar,
Kollox nadif xammiema, għax idejk
Kienu dejjem sejrin, sew jekk kien Frar
U sew jekk Lulju. La tibżax, jien ħdejk:

Iva, jien ħdejk ninsab, sabiex f'kull ħtieġa
Issibni lest li ngħinek! Għax int ommi
Għadek, bħal qabel, kif bqajt ibnek jiena.

Le, la tibżax!
Għalkemm tħossok għajjiena,
Jien lest infarrġek. Ismek jibqa' f'fommi,
U tibqa' mħabbti lejk tixgħel ħuġġieġa.

***Victor Mifsud*** (22.4.1980)

# Ittri li nirċievu . . .

X'hemm Paul. Ħajr dejjem tal-folju li tibgħat bil-Malti minn daqstant bogħod. Nifraħ dejjem li nkun naf li hemm min lil hemm minn xtutna għadu jħobb lill-Malti daqshekk. Tislijiet lil kulħadd.

***Paul P. Borg***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju. Sabiħ kollu kemm hu, speċjalment għal dawk il-versi u l-kitba ta' Charles Briffa fuq Oliver Friggieri. Tislijiet likom u l-Grupp kollu tagħkom.

***Lina Brockdorff***

Paul, filwaqt li mill-ġdid niżżikħajr, nixtieq inselli għalik u lil Grupp kollu tagħkom.
B'Imħabba:

***Mario Griscti***

## Waslet rebbiegħa oħra

Waslet rebbiegħa oħra
bix-xemx iġġebbed idha
minn fjura għal fjura
tkantalna għanjiet ġodda
hi u tiftaħ il-kanċell
b'sinfonija ta' vjolinċell
mill-opri li kkompona
l-akbar kompożitur
li libbes lil dan il-fjur.

Il-bniedem idawwar is-siegħa
ħa jkompli l-ħidma llum
u mank jindenja ruħu
jinduna b'dan is-sellum;

li jieħdok ġewwa qalbek
biex terġa' ssaqqi x-xitel
li għandu bżonn iż-żabra
li xxaħxaħ komdu f'labra
sa għeruqek biex jistaħba.

***Amanda Busuttil***

---

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ħarġa t'April 2017. Ftit paġni b'ħafna dawl patrijottiku f'pont ta' lwien għeżież bejn Malta u l-Awstralja. Laqatni ferm l-artiklu dwar l-awtur nazzjonali tagħna l-Maltin,

***Prof. Oliver Friggieri.***

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju u proset tal-ħidma tagħkom. Tislijiet.

***Charles Briffa***

Għażiż Paul, Minn qalbi nixtieq inroddlok ħajr li għoġbok tibgħatli dan il-folju li jwassal aħbar ħutna Maltin li jinsabu 'l-bogħod minna. Grazzi tal-prominenza li għoġbok ittini f'dan l-istess folju u grazzi oħra tal-poeżija li ppubblikajtli flimkien ma' dik tal-ħabib tiegħi Patrick. Kif diġa għidtlek, jekk issib xi ħaġa minn tiegħi li tkun tgħodd biex tagħmel użu minnha, tid-dejjaq xejn, użaha kemm trid.
Mill-ġdid niżżik ħajr u nsellimlek.

***Charles Mifsud***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-kopja tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li bħas-soltu hu interessanti u informattiv ħafna. Nixtieq inselli għalik kif ukoll lill-membri kollha tal-Grupp ħabrieki tagħkom. Tislijiet,

***Prof. Rena Balzan***

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

# Il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, ippresediet serata mużiko-letterarja ad unur l-eks-President Anton Buttigieg.

Waqt din is-serata, il-kustodja tal-Librerija Anton Buttigieg, li hija parti mill-proġett estensiv ta' restawr fl-istess Palazz, għaddiet f'idejn l-Akkademja tal-Malti u l-'Malta Libraries', biex b'hekk, dawn iż-żewġ entitajiet ser ikunu qed jieħdu ħsieb din il-Librerija, li fiha hemm miġbura uħud mill-isbaħ xogħlijiet ta' awturi u poeti Maltin, u xogħlijiet stampati minn għadd ta' pubblikaturi Maltin.

Meta indirizzat lil dawk preżenti, il-President Coleiro Preca qalet li dan huwa wieħed mill-isbaħ mumenti tal-Presidenza tagħha, "għax propju issa, ir-Residenza tal-Istat għandha librerija diċenti u eleganti, librerija li qed tilqa' x-xogħlijiet ta' kittieba u pubblikaturi Maltin, librerija li msemmija għall-poeta bravu, l-eks-President Anton Buttigieg." Din is-serata tat bidu għal numru ta' attivitajiet li l-Uffiċċju tal-President, u l-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, ser ikunu qed jorganizzaw fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb, kif stabbilit mill-UNESCO.

L-attivitajiet leħqu l-qofol tagħhom it-Tnejn, 24 ta' April, hekk kif mijiet ta' tfal minn diversi skejjel kienu qed iżuru l-Palazz ta' Sant' Anton fejn kellhom l-opportunità li jaraw il-Librerija Anton Buttigieg, kif ukoll il-'Little Stars Library' u ingħataw informazzjoni wkoll fuq Librerija Balzmet ir-Ruħ, li tinsab fl-uffiċċju li l-Malta Community Chest Fund Foundation għandha fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.

Il-President raddet ħajr lill-Akkademja tal-Malti u lill-'Malta Libraries', li bħala kustodji tal-Librerija Anton Buttigieg diġà qed jagħmlu ħafna xogħol siewi, u rringrazzjat ukoll lid-diversi għaqdiet u organizzazzjonijiet li qed jaħdmu biex iżommu l-lingwa Maltija ħajja, dan għaliex "il-Lingwa Maltija hija xhieda unika tal-identità tagħna." Raddet ħajr ukoll lis-Sinjura Matilde Cordina, li kkordinat dan il-proġett. Waqt din is-serata pparteċipaw is-Surmast Dominic Galea, l-kantanta Doreen Galea, kif ukoll qraba tal-eks-President Anton Buttigieg. Wara ċ-ċerimonja tal-iffirmar, il-President ġiet ippreżentata b'għadd ta' kotba tal-istess Anton Buttigieg, kif ukoll b'selezzjoni ta' kotba minn 'Kite Group'.

# Walid Nabhan Jirbaħ il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura għall-2017




Il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura għall-2017 għadu kemm tħabbar. Dan huwa premju prestiġjuż li kull sena jingħata lil tnax-il kittieb jew kittieba mill-Ewropa b'rikonoxximent tal-produzzjoni letterarja tagħhom fl-aħħar ftit snin. Bħalma jiġri darba kull tliet snin din is-sena kien imiss lil Malta tagħżel wieħed mir-rebbieħa minn fost il-kittieba Maltin. L-għażla waqgħet fuq l-awtur Walid Nabhan, kittieb li twieled il-Ġordan f'familja ta' refuġjati Palestinjani u li ilu ħafna snin jgħix Malta, tant li kiseb iċ-ċittadinanza Maltija. Nabhan jikteb bil-Malti u ppubblika żewġ ġabriet ta' novelli, ktieb ta' poeżiji u r-rumanz L-Eżodu taċ-Ċikonji (ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin fl-2013) li għalih ingħata dan il-premju. Walid Nabhan qaleb ukoll diversi xogħlijiet letterarji kontemporanji Maltin għall-Għarbi.

L-Eżodu taċ-Ċikonji huwa rumanz dwar raġel Palestinjan imwieled f'kamp tar-refuġjati fil-Ġordan li sab ruħu jgħix Malta. In-narratur jinseġ ir-rakkont tiegħu madwar l-esperjenzi tiegħu ta' barrani f'Malta u ta' refuġjat f'komunità kbira ta' Palestinjani fil-Ġordan, imma jdaħħal ukoll l-istorja tal-familja tiegħu fil-perjodu meta kienet għadha tgħix fil-Palestina. Huwa rakkont li jenfasizza r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin f'sitwazzjonijiet diffiċli, imma huwa wkoll rakkont politiku għaliex kulma jseħħ fir-rumanz iseħħ għax xi darba xi ħadd bil-poter f'idu ħa deċiżjoni politika, u għaliex deċiżjonijiet politiċi żbaljati li jaffettwaw il-ħajjiet tan-nies għadhom isiru kuljum, fuq kull livell. Waqt li jikteb rumanz serju u impenjattiv, Nabhan iżewwaq in-narrattiva tiegħu b'mumenti liriċi mill-isbaħ u jirnexxilu jsib l-umoriżmu anki fis-sitwazzjonijiet l-aktar imwiegħra.



F'Malta, dan il-premju huwa rrappreżentat mill-Akkademja tal-Malti li hija membru tal-Kunsill Ewropew tal-Kittieba (EWC). L-Akkademja taħtar ġurija indipendenti kull tliet snin sabiex tagħżel ir-rebbieħ minn Malta. Din is-sena l-ġurija kienet magħmula minn Prof. Stella Borg-Barthet, Dr Stephen Bonanno, ir-Rev. Norbert Ellul Vincenti, Dr Marco Galea (President) u Dr Adrian Grima. Il-konsorzju li jorganizza l-premju fuq livell Ewropew, minbarra l-EWC, huwa magħmul mill-Federazzjoni Ewropea u Internazzjonali tal-Bejjiegħa tal-Kotba (EIBF) u mill-Federazzjoni tal-Pubblikaturi Ewropej (FEP). Il-kittieba rebbieħa jingħataw premju ta' €5000 u jkollhom diversi opportunitajiet biex iressqu x-xogħol tagħhom quddiem qarrejja Ewropej. Il-premju huwa ffinanzjat mill-Programm Ewropa Kreattiva.

Iż-żewġ rebbieħa preċedenti Maltin kienu Immanuel Mifsud (2011) u Pierre J. Mejlak (2014).

## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĠIMGĦA, 26 TA' MEJJU, 2017, 7.30 PM

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **26 ta' Mejju, 2017,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.